



Brussell, 13 ta' Mejju 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0098(NLE)

8258/25
ADD 1

AELE 35
MI 246
FL 17
ISL 17
N 19
EMPL 147
SOC 232

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-
Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma
jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru .../2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

ta' ...

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.
- (2) Għaldaqstant il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat biex tkun tista' ssir din il-kooperazzjoni estiża mill-1 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem “is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023 u 2024” jinbidlu bil-kliem “is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023, 2024 u 2025”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

* [Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
